MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 2258/2000/1

**Elia Tabone**

**vs**

**Rita Tabone**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu b'mod civili fit-22 ta' Dicembru 1973 skond l-anness certifikat Dok. "A".

Illi l-kunsens tal-konvenuta huwa vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg.

Illi l-kunsens ta’ l-attur inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi l-konvenuta ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg setghat intellettwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet fit-2 ta’ Dicembru 1973 huwa null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi a tenur tal-**Att taz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta)** kif sussegwentement emendat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbali tal-14 ta’ Gunju 2001; u tal-24 ta’ Settembru 2001.

Rat ir-rikors tal-attur tat-22 ta’ Ottubru 2001 fejn talab li l-konvenuta tigi notifikata wara l-hinijiet legali.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 22 ta’ Ottubru 2001 fejn laqghet it-talba.

Rat il-verbal tat-22 ta’ Novembru 2001.

Rat in-nota tal-attur tas-27 ta’ Novembru 2001 fejn l-attur irrinunzja ghall-kap tal-ispejjez.

Rat il-verbali tat-13 ta’ Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentement presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tal-14 ta’ Mejju 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-attrici b’terminu ta’ erbghin (40) gurnata.  Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 ta’ Ottubru 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II.KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jallega li z-zwieg tat-22 ta' Dicembru 1973 bejn il-kontendenti huwa null peress li:-
(a) il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg;

(b) il-kunsens tieghu nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; u

(c) il-konvenuta ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi l-konvenuta giet debitament notifikata bic-citazzjoni u l-avviz ghas-smiegh fis-16 ta' Novembru 2001 izda hi ma pprezentat l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u b'hekk baqghet kontumaci.

Illi jinghad illi fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2002 din il-Qorti kif presjduta tat digriet ghall-affidavits tal-attrici ta' 40 jum. Illi *nonostante* dan, tali digriet gie kompletament injorat u l-ebda affidavits ma gew prezentati. B'hekk minhabba nuqqas ta' provi prodotti din il-Qorti ghandha ebda alternattiva hlief li tichad it-talba attrici u tiddeplora l-fatt li ebda provi ma gew prezentati *nonostante* l-fatt li l-attur kellu z-zmien kollu biex jaghmel dan almenu mill-14 ta' Mejju 2002.

Illi ghalhekk din il-Qorti tichad it-talba attrici minhabba nuqqas ta' produzzjoni ta' provi.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta u *nonostante* l-istess kontumacja, **tichad it-talba attrici** minhabba nuqqas ta' produzzjoni ta' provi *da parte* tal-istess attur.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**2 ta' Ottubru 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur.**
**2 ta' Ottubru 2002**